MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-21 ta' April, 2009

Numru. 386/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Patrick Spagnol**

**Kumpilazzjoni Nru: 386/2009**

Illum, 21 ta' April 2009,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Patrick Spagnol ta' 27 sena, bin Anthony u Teresa nee' Vella, imwieled Pieta' fl-4 ta' Dicembru, 1981, u residenti Flat 5, Block J. Qasam Hal

Tmiem, Zejtun u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 23082M.

Akkuzat talli bejn il-23 ta’ Novembru 2007 u d-19 t’April 2009, f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

1. b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera’ haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta’ diversi persuni liema qligh jammonta ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur ta’ l-artikoli 308 u 310 ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. u aktar talli bi hsara ta’ diversi persuni, ghamel qligh b’qerq li jammonta ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur ta’ Artikoli 309 u 310 ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. u aktar talli fil-23 ta’ Novembru 2007, ghamel reat waqt perjodu operattiv ta’ probation, imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera nhar is-6 ta’ Dicembru 2004 bi ksur ta’ l-artikolu 7 ta’ Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 18, 308, 309, u 310(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 21 ta’ April 2009 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn-naha n-natura tar-reati u minn-naha l-ohra l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti u wara li rat l-artikoli 18, 308, 309, u 310(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sentejn. In oltre il-Qorti qed testendi l-perjodu ta’ probation mghoti fil-konfront ta’ l-imputat permezz ta’ sentenza datata 6 ta’ Dicembru 2004 ghal perjodu iehor ta’ sentejn mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------